MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Numru 425/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Denise Miruzzi Mula)**

**Vs**

Taha H. M. Bershni

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Taha H. M. Bershni ta' karta ta' identita' numru 400145, akkuzat talli:

Matul l-ahhar jiem qabel it-12 ta' Mejju, 2005 f'dawn il-gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, mbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Ikkonsidrat:

L-imputat f'dan l-istadju irregistra ammissjoni, liema ammissjoni insista fuqha anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrifletti.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 u 189 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali.

Tilliberah billi tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien 3 snin mill-lum. Tawtorizza l-prosekuzzjoni tiehu l-passaport mill-process.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------